**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 14 ta' Gunju, 2023**

Numru 11

**Appell Nru. 7/2023**

**Paul Falzon**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terz interessat Victor Chetcuti tas-17 ta' Frar 2023 mid-digriet tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Frar 2023 fl-atti tal-applikazzjoni PA5448/16 ghal kostruzzjoni ta' petrol/service station, car wash, ATM and fixing of signs, f'Tal-Balal l-Iklin.

Hu jispjega t-talba tieghu billi jghid li l-applikant kien ipprezenta l-applikazzjoni tieghu li giet rifjutata mill-Kummissjoni tal-Ippjanar fis-17 ta' Mejju 2018 liema decizjoni giet konfermata mit-Tribunal ta' Reizjoni fit-18 ta' Novembru 2021. Wara appell quddiem il-Qorti tal-Appell, l-istess Qorti fis-6 ta' Lulju 2022 irrimettiet l-atti quddiem it-Tribunal.

B'rikors tas-27 ta' Settembru 2022 l-appellant ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal fejn talab kif gej:

1. Jawtorizza t-tibdil fir-risposta u sottomissjonijiet miktuba a tenur tal-artikolu 46(1) tal-Kapitlu 551 tal-Ligjijiet ta' Malta sabiex jigu mizjudin is-segwenti:
"L-izvilupp propost imur kontra l-provvedimenti tal-Fuel Station Policy 2019 (mehmuza) kif ser jintwera tul il-kors ta' dan l-appell.

2. Jippermetti li jsiru sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll trattazzjoni verbali rigward is-susespost u rigward il-policies applikabbli"

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal zbalja meta cahad it-talba tal-appellant li jressaq sottomissjonijiet ta' fatt u dritt skont l-artikolu 46(1) billi kellu jippermettihom u jezaminahom sabiex jiddeciedi jekk hux rilevanti jew le;

2. It-Tribunal ma ikkonsidrax li l-kwistjoni ta' liema ligi hi applikabbli hi ta' ordni pubbliku u tista' titqajjem f'kull stadju;

3. Id-decizjoni tat-Tribunal hi zbaljata ghax ser tippermetti decizjoni ta' applikazzjoni fuq policy li giet revokata meta l-applikant la ghad ghandu permess mahrug fuq il-policy revokata u anqas dritt kwezit.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi milqugh.

Rat ir-risposta tal-applikant Paul Falzon li ssottometta fuq linja preliminari illi ma hemmx dritt ta' appell minn digriet tat-Tribunal qabel decizjoni finali tat-Tribunal fuq il-vertenza quddiemu. Fil-mertu sostna li l-appell ghandu jigi michud u d-digriet tat-Tribunal konfermat;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-digriet tat-Tribunal li tghid hekk:

It-Tribunal
Ra r-rikors tat-terz tas-27 ta' Settembru, 2022;
Ra r-risposta tal-applikant (illum appellant) tas-26 t'Ottubru, 2022;
Ra r-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar tas-27 t'Ottubru, 2022
Ra r-risposta tal-appellant (ghar-risposta tal-Awtorita) tat-12 ta' Dicembru, 2022

Josserva li gialadarba l-kaz gie rimess lura mill-Qorti tal-Appell sabiex jigi meqjus mill-gdid min dan it-Tribunal, l-invokar tal-Artikolu 46(1) m'huwiex ta' relevanza, u l-partijiet ghandhom jirregolaw ruhhom skont it-termini li ghadhom iridu jigu stabbiliti.

L-Avukat Bonello titlob aktar zmien sabiex tirregola ruhha rigward id-digriet.

It-Tribunal jiddiferixxi dan l-appell ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta' Marzu 2023 fis-1.30pm.

## L-eccezzjoni preliminari

Jehtieg tigi deciza fl-ewwel lok l-eccezzjoni preliminari illi ma hemmx dritt ta' appell minn digriet tat-Tribunal pendente lite qabel tmiem il-vertenza billi hi biss decizjoni tat-Tribunal li hi soggetta ghal appell u dan skont ma jipprovdu l-artikoli 9(1)(b), 39, 50 sa 56 tal-Kap. 551. Izidu li l-kwistjoni mqanqla mill-appelanti mhix wahda ta' natura perentorja li jekk ma tigix deciza issa ma tistax tigi deciza aktar tard. Waqt it-trattazzjoni zied illi anki jekk ghal grazzja tal-argument jitqies li japplika l-Kap. 12 ghal tali digriet skont l-artikolu 231 jew 229 ma intalab ebda permess lit-Tribunal biex isir appell.

Jirrizulta mill-atti illi ai termini tal-artikolu 46(1) tal-Kap. 551 Victor Chetcuti talab li jressaq tibdil fir-risposta originali ghall-appell tal-applikant f'forma ta' eccezzjoni ulterjuri quddiem it-Tribunal wara li l-atti regghu gew rinvjati lura lit-Tribunal wara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju 2022.

Il-kwistjoni imqajma hi jekk setax jitressaq appell quddiem din il-Qorti wara li t-Tribunal cahad it-talba u qal li l-artikolu 46(1) mhux ta' rilevanza ghat-talba maghmula. Lil hinn pero mid-digriet u l-mertu tieghu, tqum il-kwistjoni jekk hemmx appell minn cahda ta' talba waqt proceduri quddiem it-Tribunal.

L-artikolu 9(2)(b) tal-Kap. 552 jaghti hjiel dwar dan. Dan is-subinciz jghid hekk:

> Il-principji ta' mgiba amministrattiva tajba jinkludu dawn li gejjin:
> (b) it-terminu li fih it-Tribunal jiehu d-decizjonijiet tieghu ghandu jkun wiehed ragjonevoli skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Id-decizjoni ghandha tinghata kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fl-appell li jkollu quddiemu kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva:
> Izda kemm-il darba jqumu kwistjonijiet ta' natura perentorja, it-Tribunal jista' jghaddi sabiex qabel kull haga ohra jisma' l-provi tal-partijiet u jaghti decizjoni, limitatament dwar il-kwistjoni, u decizjoni li tinghata mit-Tribunal ghandha titqies finali u soggetta ghal appell fi zmien ghoxrin (20)

jum minn meta tkun inghatat, quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 52 tal-Att.

Jidher mid-dicitura tal-istess illi t-Tribunal ghandu fejn hu possibli jaghti decizjoni wahda fuq kull kwistjoni involuta fl-appell, u dan sabiex il-process ma jitwalx bla bzonn u jigi deciz bl-aktar heffa possibbli tenut kont dejjem tal-fattispecie tal-kaz. L-istess subinciz jaghmel eccezzjoni wahda cioe fejn tinqala kwistjoni ta' natura perentorja cioe wahda li toqtol l-azzjoni infisha (f'dan il-kaz il-proceduri ta' appell quddiem it-Tribunal) li ghandha tinghata decizjoni bi dritt ta' appell.

Il-Kap. 551 jitkellem fuq appelli minn decizjonijiet tat-tribunal cioe li jaghlqu l-vertenza u imkien ma jsemmi digrieti. Ghalkemm digriet hi forma ta' decizjoni pero ma taghlaqx vertenza ghalkemm tirregola l-andament ta' proceduri quddiemha u fil-mori tal-proceduri dejjem jista' jigi revokat jew mibdul.

Id-digriet moghti mit-Tribunal fl-appell quddiemu ma hux wiehed perentorju jew li ghalaq vertenza u dejjem jista' jigi attakkat wara d-decizjoni finali quddiem il-Qorti tal-Appell jekk ikun dwar punt ta' ligi.

Ghalhekk il-Qorti tqis li dan l-appell ma setax jitressaq f'dan l-istadju quddiem il-Qorti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-applikant li l-appell kien null ghax mhux permess mill-ligi. Spejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur